**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Lulju, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 861/2016 AF**

**Maria Carmela Bezzina**

**vs**

**Ludgarda Bonello**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-attriċi Maria Carmela Bezzina, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' digriet numru 688/2014 moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) (Dokument AS1), hija giet dikjarata bhala l-werrieta unika ta' ommha Paola Portelli li giet nieqsa fis-16 ta' Jannar 2013 u li kienet mietet intestata kif jindikaw l-istess proceduri.

Id-decujus kienet tghix mal-intimata fid-dar 125, Triq George Borg Olivier, Rabat u fl-istess kien hemm oggetti varji u flus kontanti appartenenti lill-imsemmija Portelli u dan kif ser jirrizultaw tul din il-kawza li jaqbzu l-valur komplessiv ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000).

Minkejja li ghaddew digà tlett snin minn meta giet nieqsa, l-imsemmija proprjetà appartenenti issa lill-attrici bhala werrieta ta' ommha, baqghu ma nghatawx lura.

Permezz ta' ittra ufficcjali datata 1 ta' Gunju 2016 (Dokument AS2), l-esponenti interpellat lill-imsemmija intimata sabiex fi zmien jumejn tersaq u trendi lura lilha l-oggetti u l-proprjetà appartenenti lil mejtha omma Paulina Portelli li kienu jinsabu fil-pussess taghha billi kienu fid-dar 125, Triq George Borg Olivier, Rabat, fejn l-imsemmija kienet tghix sal-gurnata tal-mewt però minkejja li giet debitament notifikata, din baqghet inadempjenti.

L-oggetti li kienu ta' ommha Paulina Portelli baqghu f'idejn l-imsemmija intimata u huma llum appartenenti lill-esponenti u billi l-imsemmija baqghet ma rendithomx lura kellhom jittiehdu l-proceduri odjerni.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. M'ghandhiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha iffissat minn din il-Qorti li trendi lura lill-attrici, l-oggetti, flus kontanti u dak kollu mobbli li jirrizulta f'dawn il-proceduri li kien appartenenti lid-decujus Paulina Portelli u li kienu fid-

dar 125, Triq George Borg Olivier, Rabat fil-mument tal-mewt taghha fis-16 ta' Jannar 2013.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 1 ta' Gunju 2016 u l-intimata mharrka ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuta Ludgarda Bonello, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Omm ir-rikorrenti, il-mejta Paola Portelli, tigi oht l-esponenti u huwa minnu li l-imsemmija omm ir-rikorrenti kienet tghix mal-esponenti fid-dar tal-familja 125, Triq George Borg Olivier, Rabat sa minn twelidha sal-mewt.

L-imsemmija decujus u l-esponenti b'zewgha u tlett ulied, kienu jghixu bhala familja wahda, l-ewwel mal-genituri sakemm dawn mietu u inkluz wara t-twelid tar-rikorrenti sakemm din izzewget.

Ftit wara li mietet Paola Portelli, l-esponenti ghaddiet lir-rikorrenti basket li kien fih kull flus li seta' kellha Paola Portelli, ossia dawk il-flus li kienet taf bihom l-esponenti. Il-ftit deheb li kellhom l-ahwa bniet bejniethom kienu silfuhom lir-rikorrenti ghal xi okkazjoni u qatt ma talbuhomlha lura, ghax kienet bhallikieku binthom it-tnejn.

Ghar-rigward oggetti varji li jinsabu id-dar, ma hemm xejn in partikolari li jista' jinghad li huwa ta' Paola Portelli, ghaliex minhabba sahhitha ma kellhiex mezzi biex tixtri oggetti tul hajjitha, filwaqt li l-piz kien ikun fil-bicca l-kbira fuq l-esponenti u zewgha sabiex jghejjxu lill-familja. Fid-dar hemm numru ta' ornamenti zghar li kienu jinxtraw bil-mod tul iz-zmien bejn l-ahwa, hafna iktar spiss mill-esponenti b'kontribut rari u zghir ta' ohtha Paola Portelli, ghat-tgawdija tal-familja kollha in komuni. Hemm ukoll oggetti ta' rigali komuni ta' entità zghira hafna.

In kwantu ghalhekk it-talbiet rikorrenti huma intizi ghall-hlas ta' flus u radd ta' oggetti in partikolari, apparti kull prova spettanti lir-rikorrenti, dawn ghandhom jigu michuda. Bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet oħra.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-assistent ġudizzjarju.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-konsenja ta' flus u mobbli inkluż oġġetti prezzjużi. L-attriċi tikkontendi li l-konvenuta żammet flus kontanti kif ukoll deheb u mobbli oħra li kienu jappartjenu lil Paola Portelli li tagħha l-attriċi hija l-unika werrieta.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attriċi hija l-unika werrieta ta' ommha Paola Portelli li mietet fis-16 ta' Jannar 2013. Paola Portelli kienet tgħix fid-dar 125, Triq Ġorġ Borġ Olivier, Rabat, Malta. Din id-dar kienet tal-ġenituri tagħha u Paola Portelli kienet baqgħet tgħix hemmhekk fejn anke rabbiet lil bintha l-attriċi. Flimkien mal-attriċi u ommha f'din id-dar kienu jgħixu wkoll il-konvenuta, li hija oħt Paola Portelli, flimkien ma' żewġha u t-tlett uliedhom.

Filwaqt illi l-konvenuta u żewġha kellhom dar oħra huma kienu marru jgħixu ma' Paola Portelli wara li mietu l-ġenituri tagħhom peress illi l-konvenuta kienet tieħu ħsieb il-ħanut tal-merċa li kien hemm ma' din id-dar kif ukoll sabiex tgħin lil oħtha fit-trobbija ta' bintha l-attriċi. Il-konvenuta rabbiet lit-tlett uliedha hemmhekk ukoll. L-attriċi u tnejn minn ulied il-konvenuta telqu mid-dar malli żżewġu filwaqt illi l-iżgħar fost ulied il-konvenuta baqa' ġuvni u għadu jgħix fl-imsemmija dar mal-ġenituri tiegħu sal-ġurnata tal-lum.

Ir-responsabbiltajiet tad-dar u tan-negozju kienu jinqasmu bejn Paola Portelli u l-konvenuta b'dan illi ġeneralment Paola Portelli kienet tieħu ħsieb it-tfal u l-affarijiet tad-dar filwaqt illi l-konvenuta kienet tieħu ħsieb il-ħanut. Kienu jgħixu bħala familja waħda u għall-bżonnijiet kienu jħallsu mid-dħul ġenerat

mill-ħanut. Ir-raġel tal-konvenuta kien jaħdem it-Tarzna sakemm irtira fl-aħħar tad-disgħinijiet. Il-flus tal-familja kienet tieħu ħsiebhom il-konvenuta u kienu jinżammu kollha flimkien id-dar stess. Ma jidhirx illi Paola Portelli u l-konvenuta kienu jżommu xi flus il-bank.

Paola Portelli ħadmet fil-ħanut tal-merċa sas-sena 1990 meta kellha tieqaf minħabba mard. Hija imbagħad bdiet tirċievi l-pensjoni tal-invalidità sakemm laħqet l-età tal-irtirar meta imbagħad bdiet tirċievi pensjoni kontributorja. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li mis-sena 2003 sakemm mietet fil-bidu tas-sena 2013 Paola Portelli rċeviet madwar €72,000 f'pensjonijiet. Wara li waqfet taħdem fil-ħanut l-uniku dħul tagħha kien mill-pensjoni u xi assistenza soċjali oħra li kienet tirċievi bħal sussidju fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma. Il-ħanut tal-merċa ngħalaq fil-bidu tad-disgħinijiet.

Wara l-funeral, il-konvenuta għaddiet lill-attriċi basket b'dak kollu li sabet fil-kexxun fejn Paola Portelli kienet iżżomm l-affarijiet personali tagħha. Il-konvenuta xehdet illi ma kienitx tiftakar x'kien fih il-basket. Skont l-attriċi fil-basket hija sabet madwar €5,000 fi flus kontanti fost oġġetti oħra.

Jidher illi għal madwar tlett snin l-attriċi ma talbet xejn mingħand il-konvenuta iżda ftit qabel ma saret din il-kawża qam dizgwid bejn il-partijiet dwar min għandu jħallas sabiex il-fdalijiet ta' Paola Portelli jinqalgħu mill-qabar u jindifnu band'oħra. Ftit wara, l-attriċi fetħet din il-kawża għaliex qed tippretendi li l-konvenuta żammet ammont sostanzjali ta' flus li kienu ta' ommha kif ukoll oġġetti tad-deheb u mobbli li jinsabu fid-dar fejn kienet tgħix.

Il-konvenuta teċċepixxi li hija għaddiet lill-attriċi l-flus kollha li kienu ta' oħtha u li l-ftit deheb illi kellhom hi u oħtha kienu tawhom lill-attriċi u baqgħu għandha. Dwar oġġetti mobbli oħra, il-konvenuta teċċepixxi li ma kien hemm xejn fid-dar li jista' jingħad li huwa ta' Paola Portelli stante li kollox kien jinxtara bejniethom u fil-maġġor parti mill-eċċepjenti u żewġha peress illi oħtha ma kellhiex il-mezzi.

Din il-kawza tistrieħ fuq il-kredibiltà tal-partijiet u fuq l-apprezzament illi din il-Qorti trid tagħmel principalment fuq id-deposizzjonijiet tagħhom. Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq, deciza fit-30 t'Ottubru 2003:

> *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Għax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju ragjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"*."

Il-konflitt tal-provi huma ħaga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha tezamina jekk xi waħda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verzjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanc ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawzi civili huma generalment sufficjenti għall-konvinciment tal-gudikant (Farrugia vs Farrugia, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 1966).

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-attriċi mhijiex sostanzjata permezz ta' prova konvinċenti.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' flus kontanti, jidher li l-attriċi qed tistrieh fuq episodju li tgħid li seħħ madwar ħames snin qabel mietet ommha fejn fil-preżenza tagħha u ta' bintha ommha stqarret li kellha mas-Lm17,000 fi flus kontanti. Madanakollu,

ħlief għax-xhieda ta' bintha, l-attriċi ma ġabet l-ebda prova li turi li ommha kellha aktar flus li l-konvenuta ma kinetx għaddietilha. Il-fatt illi Paola Portelli rċeviet €72,000 f'pensjoni tul l-aħħar għaxar snin ta' ħajjitha ma jfissirx illi ma kinetx użathom għall-bżonnijiet tagħha.

Kif diġà ntqal, mill-provi rriżulta li Paola Portelli kienet ilha li waqfet taħdem tlieta u għoxrin sena qabel ma mietet u lanqas huwa magħruf kemm kienet taqla' flus meta kienet taħdem fil-ħanut. Fuq kollux, fid-dawl tal-fatt mhux kontestat illi Paola Portelli u oħtha l-konvenuta ma kienux iżommu kontijiet separati u ma kellhomx flus il-bank, huwa ferm diffiċli għall-Qorti li taċċetta t-teżi tal-attriċi li ommha kellha xi ammont sostanzjali ta' flus kontanti li kienu tagħha biss.

Mill-provi ma jirriżultax illi per eżempju kienet wirtet xi flus mingħand il-ġenituri tagħha. Huwa rilevanti wkoll illi maż-żmien kienu saru alterazzjonijiet sostanzjali fid-dar fejn kienu joqgħodu li naturalment tħallsu mill-flus illi Paola Portelli u l-konvenuta kellhom imġemmgħin.

L-istess għandu jingħad dwar l-oġġetti mobbli u deheb li l-attriċi tgħid li għadhom għand il-konvenuta għalkemm kienu ta' ommha. Ritratti ta' Paola Portelli liebsa ġiżirana u ċrieket tad-deheb ċertament li mhux biżżejjed sabiex l-attriċi tikkonvinċi lill-Qorti mill-allegazzjonijiet tagħha. Il-Qorti tinnota li l-attriċi lanqas imqar għamlet elenku tal-oġġetti li qed tippretendi li għandha taghtiha l-konvenuta.

Finalment, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi kieku verament l-attriċi kienet taħseb li l-konvenuta kienet żammet għaliha somma daqshekk kbira ta' flus u oġġetti tad-deheb li mal-mewt ta' ommha saru tagħha, żgur illi ma kienitx ser iddum aktar minn tlett snin qabel ma titlobhom mingħandha.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.

IMHALLEF

DEP/REG